MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 594/2009

**Jon David Limited (C 9729) u Paul Farrugia bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Alexandra Workware p.l.c.**

**vs**

**Bortex Clothing Industry Company Limited (C2371) u Yellow Pages (Malta) Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tas-**socjeta` Jon David Limited** datat 17 ta' Gunju 2009 a fol. 1 tal-process fejn Paul Farrugia, direttur tas-socjeta` rikorrenti Jon David Limited u mandatarju specjali ghas-socjeta` estera Alexandra Workware p.l.c., espona:-

Illi s-socjeta’ rikorrenti Jon David Limited topera fis-settur tal-hwejjeg partikolarment fis-settur tal-uniformijiet u hija l-agent lokali tas-socjeta` rikorrenti Alexandra Workware p.l.c.

Illi r-rikorrenti Alexandra Workware p.l.c. annwalment tippubblika katalgu ta’ hwejjeg u uniformijiet fuq liema katalgu ghandha d-drittijiet tal-awtur kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

Illi s-socjeta’ rikorrenti Jon David Limited hija awtorizzata taghmel uzu minn dan il-katalgu u fis-sena 2008, hija ghamlet uzu ta’ ritratt fuq il-faccata ta’ dan il-katalogu billi provdietu lis-socjeta’ intimata Yellow Pages (Malta) Limited sabiex dan ir-ritratt jigi ppubblikat, kif fil-fatt sar, fid-direttorju Yellow Pages tas-socjeta` intimata ghas-snin 2008 u 2009 ghal reklam tas-socjeta’ rikorrenti stess u dan kif jidher mill-kopja ta’ estratt tad-direttorju anness u mmarkat bhala Dok. “A”.

Illi socjeta’ intimata Bortex Clothing Industry Company Limited uzat dan l-istess ritratt, fuq skala ikbra, ghal reklam taghha fuq id-direttorju Yellow Pages tal-istess snin u dan kif jidher mill-kopja ta’ estratt tad-direttorju anness u mmarkat bhala Dok. “B”.

Illi s-socjeta’ rikorrenti qatt ma awtorizzat lis-socjeta` intimata Bortex Clothing Industry Company Limited tuza’ dan l-imsemmi ritratt u lanqas ma qatt awtorizzat jew dahlet fi ftehim kwalunkwe mas-socjeta` intimata Yellow Pages (Malta) Limited sabiex din tal-ahhar tkun tista’ tippubblika dan l-imsemmi ritratt.

Illi dan l-agir abbuziv u illegali jivjola d-dritt tal-awtur tas-socjeta’ rikorrenti Alexandra Workware p.l.c. kif ukoll qieghed jirreka dannu lill-istess socjeta” rikorrenti.

Illi dan l-istess agir irreka u qieghed jirreka dannu lis-socjeta’ rikorrenti Jon David Limited.

Illi s-socjetajiet intimati minkejja illi interpellati sabiex jersqu ghal hlas u likwidazzjokni naqsu milli jaghmlu dan u ghalhekk ir-rikorrenti kellhom jipprocedu b'din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjeta` intimata tghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-drittijiet tal-awtur fix-xoghlijiet artistici konsistenti f'ritratti gew lezi u vjolati mis-socjetajiet intimati, jew min minnhom, partikolarment minhabba r-riproduzzjoni illecita tal-istess imsemmi ritratt u/jew il-pubblikazzjoni u d-distribuzzjoni tal-istess ritratt.

2. Tipprojbixxi lis-socjetajiet intimati milli b'mod dirett jew indirett jaghmlu uzu, jirriproducu, jippubblikaw jew bi kwalunkwe mod iehor jaghmlu uzu mix-xoghol artistiku hawn fuq indikat.

3. Tipprojbixxi lis-socjetajiet intimati, jew minn minnhom, milli jippubblikaw u/jew jiddistribwixxu x-xoghlijiet artistici hawn fuq indikati.

4. Tiddikjara lis-socjetajiet intimati, jew minn minnhom, responsabbli ghall-hlas ta' danni kawzat lis-socjeta' rikorrenti Alexandra Workware p.l.c. minn tali ksur tad-drittijietta' l-awtur, inkluz dawk id-danni addizzjonali *ai termini* tal-**artikolu 43 (2) tal-Kap. 415** jew ghall-hlas tal-penali, kif ukoll ghar-restituzzjoni tal-qliegh kollu li jkun sar mill-kontravenzjoni tad-drittijiet tal-awtur.

5. Tillikwida d-danni jew penali u r-resituzzjoni tal-qliegh li sar mis-socjetajiet intimat.

6. Tikkundanna lis-socjetajiet intimati, jew min minnhom, ihallsu l-ammont hekk likwidat.

7. Tiddikjara *in oltre* li minhabba l-agir abbuziv u illegali tas-socjetajiet intimati, jew min minnhom, responsabbli ghad-danni kkagunati lis-socjeta' rikorrenti Jon David Limited.

8. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti Jon David Limited; u

9. Tikkundanna lis-socjetajiet intimati, jew min minnhom, ihallsu l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali kontra s-socjetajiet intimati li huma minn issa ingunti in bizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 3 sa 5 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-9 ta' Dicembru 2009.

Rat ir-risposta guramentata ta' Bortex Clothing Industry Company Limited (C 2371) datata 6 ta' Novembru 2009 a fol 16 tal-process fejn Peter Borg, debitament awtorizzat, bil-gurament tieghu eccepixxa: -

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, u dan ghar-ragunijiet segwenti.

2. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-atturi odjerni m'ghandhomx l-interess guridiku sabiex jipprezentaw dawn il-proceduri *stante* illi s-sid tad-drirtijiet tal-awtur tar-ritratt mertu ta' dawn il-proceduri huwa l-fotografu u mhux l-atturi.

3. Illi wkoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur Paul Farrugia naqas milli jgib il-prova tal-kwalita` tieghu ta' mandatarju specjali tas-socjeta` estera Alexandra Workware p.l.c. u ghalhekk anke f'dan ir-rigward hemm in-nuqqas ta' interess guridiku da parti tal-istess Paul Farrugia fil-kwalita` rapprezentattiva minnu pretiza.

4. Illi in linea sussidjarja u assolutament minghajr pregudizzju ghal fuq premess, f'dan il-kaz, kjarament ma tirrizulta l-ebda intenzjoni ta' vjolazzjoni ta' xi drittijiet tal-awtur illi seta' kien hemm marbutin mar-ritratt mertu ta'

dawn il-proceduri. Bhala stat ta' fatt, l-eccipjenti zzomm estratti minn publikazzjonijiet u katalgi ghall-uzu intern bhala ricerka ta' ideat ghal sessjonijiet ta' fotografija minnha organizzati, jew ghall-akkwist ta' ritratti mill-*internet* (bi prezz moderat, minimu jew sahansitra minghajr hlas) minn dawk illi jissejhu *stock photos.* Dan l-ezercizzju m'huwiex projbit *stante* illi hija l-espressjoni tal-idea li hija protetta mid-drittijiet tal-awtur u mhux l-idea nnifisha.

5. Illi l-hsieb tal-eccipjenti kien illi jinxtara *stock photo* simili ghal dak mertu ta' dawn il-proceduri, izda minhabba malintiz u bi svista, gie mghoddi r-ritratt *de quo* lis-socjeta` konvenuta l-ohra Yellow Pages (Malta) Limited, illi, min-naha taghha, naqset milli tirrileva l-fatt illi dan l-istess ritratt kien diga' gie sottomess ghall-pubblikazzjoni minn klijent iehor taghha.

6. Illi r-ritratt *de quo,* fih innifsu, effettivament ma jirreklama l-ebda ditta jew kwalita` partikolari, izda sempliciment jindika zewg uniformijiet (ossia Ibiesi - *suits)* - negozju illi s-socjeta` eccipjenti ilha tipprattika fih ghal ghexieren ta' snin, u certament ferm aktar mill-atturi, b'mod illi l-istess eccipjenti ghandha reputazzjoni ferm aktar soda f'dan il-qasam, u effettivament l-uzu tar-ritratt in kwistjoni qatt ma seta' rreka l-ebda dannu lill-atturi, u dan kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

7. Illi *inoltre*, u dejjem minghajr pregudizzju ghal fuq premess, l-atturi ma soffrew l-ebda danni bhala rizultat tal-agir minnhom lamentat u *inoltre* s-socjeta` eccipjenti ma ghamlet ebda qligh a skapitu tal-atturi mill-istess agir.

8. Illi ulterjorment, is-socjeta' eccipjenti qatt ma tista' tinzamm responsabbli ghal danni addizzjonali pretizi mill-atturi stante illi huwa evidenti illi l-isforz maghmul mill-fotografu biex jinholoq ix-xoghol artistiku mertu ta' dawn il-proceduri huwa minimalissimu u mhux xi xoghol illi difficli biex tasal ghalih (b'mod illi kwalunkwe *royalty* illi seta' kien dovut huwa wkoll minimu), u *inoltre* l-flagranza tal-azzjoni hija negligibbli, jekk mhux inezistenti.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta` intimata a fol 17 tal-process.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Yellow Pages (Malta) Limited (C11814) datata 9 ta’ Novembru 2009 a fol. 20 tal-process fejn Dr. Simon Galea Testaferrata (ID 468670M) f’isem l-istess socjeta` bil-gurament tieghu eccepixxa: -

Illi t-tabiet attrici fil-konfront taghha huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi s-socjeta` esponenti m’ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` estera Alexandra Workware plc. L-unika relazzjoni li kellka kien semmai ma’ Jon David Limited, li fil-konfront taghha l-esponenti wettqet l-obbligi kollha taghha, kif tikkonferma l-istess socjeta` Jon David fit-tielet (3) paragrafu tar-rikors taghha.

2. Illi s-socjeta` esponenti ma vvjolat l-ebda jedd tas-socjetajiet rikorrenti.

3. Illi kull riklam publikat fuq il-*Yellow Pages* isir fuq ordni specifika maghmula mill-klijent, u kull *artwork,* bhalma huma ritratti, li jidhru fuq tali riklami jigu forniti u approvati mill-klijenti stess.

4. Illi ghall-edizzjoni tas-sena 2008/2009 s-socjeta` esponenti irceviet ordnijiet minn Jon David Limited, kif ukoll minghand Bortex Clothing Industry Company Limited. F’entrambi kazijiet l-ordnijiet, inkluz ir-ritratti li kellhom jidhru fuq ir-riklami rispettivi, gew debitament approvati mill-klijenti stess.

5. Illi s-socjeta` esponenti ma tassumi ebda responsabbilta` ghal kwalsiasi dannu li reklam jista’ jirreka lil terzi, u ghal dan il-ghan tesigi ma kull klijent li tali responsabbilta` tigi merfugha mill-istess klijent.

6. Illi din hi regola inkorporata fil-kondizzjonijiet ta’ kull ordni *(Conditions of Sale}* tas-socjeta` esponenti, li jinsabu fuq in-naha ta’ wara tal-formola *(Advertisement Order*

*Form).* Il-firma tal-klijent fuq dik l-ordni tfisser ukoll l-accettazzjoni tal-kondizzjonijiet applikabbli, fosthom li l-materjal fornit huwa tieghu, jew li huwa awtorizzat biex juza’ tali materjal, kif ukoll li jikkumpensa lil Yellow Pages (Malta) Limited ghal kull dannu li tista’ ssofri jekk jirrizulta mod iehor.

7. Illi socjeta` Bortex Clothing Industry Company Limited, kif daltronde ghamlet l-istess socjeta` rikorrenti Jon David Limited, accettat tali kondizzjonijiet minghajr ebda riserva. Jekk bl-uzu tar-ritratt fir-riklam taghha Bortex Clothing Industry Company Limited ivvjolat il-jeddijiet tas-socjetajiet rikorrenti, hija l-istess Bortex li ghandha twiegeb, u hadd izjed.

8. Illi s-socjeta` esponenti tagixxi *in buona fede* wara li tkun ottjeniet tali accettazzjoni mill-klijenti taghha, u ghalhekk m’ghandhiex tigi ppregudikata jekk inghatat informazzjoni nieqsa, inezatta jew qarrieqa.

9. Illi dan kollu Jon David Limited tafu ben tajjeb, ghaliex bhala klijenta tal-Yellow Pages, hija ben konxja tal-kondizzjonijiet ta’ reklamar, *oltre* li din l-ispjegazzjoni inghatat lilha diversi drabi.

10. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregjudizzju ghas-suespost, is-socjetajiet rikorrenti ghandhom igibu prova ta’ kif tali ksur, *ammesso che* jirrizulta, irreka jew seta’ jirreklalhom dannu.

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dokumenti flimkien mal-lista tax-xhieda tal-Yellow Pages a fol. 21 sa fol 27 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-9 ta’ Dicembru 2009 fejn Dr. Ramona Frendo informat l-Qorti li jista’ jkun li jkollha bzonn seduta ghall-gheluq tal-provi. Il-Qorti nnominat lil Dr. Michael Camilleri bhala Assistent Gudizzjarju biex jiffissa tliet seduti ghall-konkluzjoni provi ghas-socjeta` konvenuta u zewg seduti ghall-kontro-ezamijiet kollha; u l-verbal tas-seduta tal-5 ta’ April 2011

fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Ramona Frendo ghas-socjeta` konvenuta Bortex Clothing, Dr. Carmel Chircop ghas-socjeta` attrici u Dr. Simon Galea Testaferrata ghas-socjeta` konvenuta l-ohra Yellow Pages. Xehdu Sharon Zammit Tabone, Laura Maria Galea u Edward Mallia. Gew esebiti d-dokumenti “SZT 1” u “SZT 7” mix-xhud Sharon Zammit Tabone *animo ritirandi*. Id-difensuri ddikjaraw li l-provi huma maghluqa. Dr. Ramona Frendo talbet tipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet hamsa u erbghin (45) gurnata zmien lill-atturi bin-nofitika lis-socjetajiet konvenuti li jkollhom hamsa u erbghin (45) gurnata ghan-nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-30 ta’ Novembru 2011.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti Jon David Limited (C 9729) u Paul Farrugia bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Alexandra Workware p.l.c. datata 20 ta’ Mejju 2011 a fol 123 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tas-socjeta` Bortex Clothing Company Limiated u Yellow Pages (Malta) Limited datata 4 ta’ Lulju 2011 a fol. 135 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza hija dwar allegat ksur ta’ dritt ta’ l-awtur ghaliex is-socjetajiet attrici qed jikkontendu li ritratt li s-socjeta’ rikorrenti Alexandra Workware p.l.c. tghid li tuza fil-katalogu ta’ hwejjeg taghha, li tawtorizza lis-socjeta’ attrici l-ohra sabiex tuza, gie uzat mis-socjeta’ konvenuta,

fuq reklam taghha fil-Yellow pages, u allura saret din l-azzjoni ghal dikjarazzjoni ta' ksur ta' dritt tal-awtur u ghad-danni pretizi nkluz dawk kontemplati taht l-**artikolu 43 (1) tal-Kap. 415.**

Illi jirrizulta li r-ritratt kien jidher fuq l-imsemmi katalgu "Alexandra 2006/2007) fejn hemm indikat li hemm *copyright* fuq l-istess mis-socjeta' attrici estera u avviz *"not to be copied without permission"* ( fol. 32 – 34); jidher li l-istess ritratt gie maghzul minn Alexandra Borg, Financial Controller tas-socjeta' konvenuta Bortex sabiex isir reklam tal-istess socjeta' biex jigi ppubblikat fil-Yellow Pages, u dan sar b'malintiz ghaliex l-inkarigu li kellu minghand Peter Borg, il-Managing Director tas-socjeta', kien li jakkwista dak li jissejjah *stock photo* simili ghal dak ir-ritratt li kien pubblikat fl-Alexandra. Fil-fatt jirrizulta li s-socjeta' Bortex ghamlet uzu minn dan ir-ritratt uniku, u mhux mill-katalgu, u dan kollu jinsab ikkonfermat mill-affidavits ta' l-istess Alexandra Borg, ta' Brian Zammit Marmara u Peter Borg (affidavits datati 5 ta' Ottubru 2010 u 3 ta' Novembru 2010 esebiti man-nota attrici datata 3 ta' Novembru 2010 (fol. 48 sa fol. 56).

Illi mix-xhieda ta' Peter Borg, Managing Director tas-socjeta' Bortex, jirrizulta li huma stess johorgu katalgi taghhom (Dok. "PB1"0) u li huma juzaw *stock photos* li jakkwistahom minn fuq *sites* ghal prezz minimu kif jirrizulta minn Dok. "PB 2" – fol. 58 sa 64.) Jirrizulta wkoll li l-istess Peter Borg qabbad lil Brian Zammit Marmara sabiex jaghzel u jakkwista b'mod lecitu *stock photo* simili ghar-ritratt imsemmi, izda b'malintiz u kif inghad gie mibghut ghar-reklam ir-ritratt medesimu, u b'hekk skaturiet il-kawza odjerna.

Illi jinghad li mir-reklami per se jirrizulta bla dubju li r-reklam kien jinkludi r-ritratt, izda r-ritratt kien parti mir-reklam biss b'mod li hdejh kien hemm "BORTEX" (fol. 5), mentri reklam tas-socjeta' attrici fuq l-istess Yellow Pages, kellha l-kliem fuqha Jon David u l-kelma Limited b'ittra zghar (fol. 4) u minn harsa anke qasira lejn iz-zewg reklami u l-komposizzjoni intiera taghhom, din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju, li ghalkemm ir-ritratt huwa simili, u

huwa dak identiku u li jinsab fuq il-qoxra tal-Katalgu Alexandra (fol. 96) certament li l-bniedem li qed jara tali reklami jew katalgi, kien ser jaghmel distinzjoni bejn is-socjeta’ Bortex, is-socjeta’ Jon David, u li dawn huma distinti minn dawk tal-katolgu Alexandra, b’mod li minn jara l-istess reklami fl-intier taghhom jaghmel distinzjoni netta u cara bejn l-istess socjetajiet.

Illi huwa veru li kif inghad mis-socjeta’ konvenuta li ma giex pruvat minn ha r-ritratt, izda pero’ fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, xorta wahda gie ppruvat li s-socjeta’ attrici estera kkummissjonat ir-ritratt li deher fuq il-faccata tal-katalgu taghha, u hija ikkoncediet l-uzu tar-ritratt lis-socjeta’ attrici l-ohra, u dan ma jeskludihiex milli allura l-istess socjeta’ attrici tigi kkunsidrata bhala awtur tal-istess xoghol konsistenti fil-katolgu kollu ndikat , fih innifsu bhala xoghol artistiku u li r-ritratt *de quo* huwa parti minnu (u dan minkejja li s-socjetajiet attrici naqsu li jesebixxu l-kuntratt li jkopri l-istess *photo shoot* – indikat anke f’pagna 7 tan-nota ta’ osservazzjonijiet – 129 u xhieda ta’ Paul Martin Rossier (fol. 32)), u f’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li bl-uzu tal-istess ritratt minn tali katalgu minn naha tas-socjeta’ konvenuta kien jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tal-awtur tas-socjetajiet attrici.

Illi dwar danni reklamati jidher li s-socjetajiet attrici qed jippretendu telf ta’ *royalties,* izda dan bl-ebda mod ma gie ppruvat x’inhu l-valur taghhom, u certament li l-affidavit ta’ Ronnie Rossier ma jwassalx sabiex jipprova d-danni allegatament ikkawazati, u dan meta l-istess socjeta’ attrici kellha l-oneru li tipprova dan; kwantu ghas-socjeta’ attrici l-ohra Jon David Limited din qed tippretendi ammont ta’ €50,000 rapprezentanti allegat telf ta’ profitt, ibbazata fuq bejgh annwali ta’ €600,000, izda dan ma huwa bl-ebda mod sostanzjat lanqas b’minimu ta’ prova.

Illi allura l-Qorti tirreferi ghall-**artikolu 43 (1) tal-Kap. 415** li jipprovdi li:-

*“Meta xi hadd jikser id-drittijiet tal-awtur, drittijiet vicini jew drittijiet sui generis fuq xi xoghol huwa jkun jista’, fuq istanza tal-proprjetarju ta’ dawk id-drittijiet tal-awtur jew ta’*

*detentur ta' drittijiet, jigu kundannati mill-Qorti Civili, Prim'Awla ghall-hlas tad-danni jew ghall-hlas ta' penali li tigi stabilita skond skala ta' multi li tigi preskritta mill-Ministru, kif dik il-Qorti, wara li tiehu kont tac-cirkostanzi tal-kaz, jidhirla xierqa, u ghar-restituzzjoni tal-qliegh kollu li jkun sar mill-kontravenzjoni tad-drittijiet tal-awtur, drittijiet vicini jew drittijiet sui generis".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Ronald Camilleri et vs Noel Grima nomine"** (P.A. (AF) – 20 ta' Ottubru 2011), (liema kawza kienet titratta dwar uzu/pubblikazzjoni ta' ritratt *ut sic* minghajr awtorizzazzjoni mill-fotografu li ha r-ritratt) inghad li l-poter li l-ligi taghti lil Ministru sabiex jistabilixxi skala ta' penali ghadu qatt ma gie ezercitat. Qieset ukoll li ma *"huwiex possibbli li jigi kwantifikat il-qliegh zejjed li setghet ghamlet il-gazzetta rizultat tal-pubblikazzjoni tar-ritratti. Lanqas ma ingabet mill-istess fotografi, prova konkreta ta' kemm huma normalment ibieghu l-koncessjoni tar-riproduzzjoni tar-ritratti minnhom meduda. Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda, arbitro boni viri, tiffissa ammont ta erba' mitt Ewro (€400) kumpens ghal kull fotografu".*

Illi din il-Qorti f'dan il-kaz thoss li ghandha tasal ghal xi forma ta' kumpens/danni arbitru *boni viri* u din il-Qorti thoss li tenut ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, d-danni sofferti mis-socjetajiet attrici kienu fl-ahjar ipotesi minimi, u ghalhekk tillikwida l-ammont ta' danni fl-ammont ta' erba' mitt ewro (€400).

Illi dwar is-socjeta' Yellow Pages (Malta) Limited, hija din is-socjeta' li attwalment ippublikat l-istess reklam, u minkejja li hija ghandha *Indemnification clause* mill-klijent u jinghad li hemm dikjarazzjoni mill-klijent taghom li fiha jiddikjaraw li l-istess klijenti taghhom ghandhom id-debita awtorizzazzjoni minghand il-proprjetarji tad-drittijiet intellettwali li jistghu jigu invokati fil-kaz ta' *art works* li jigu reklamati fuq l-istess pubblikazzjoni, jinghad li dan ma jistax jigi uzat sabiex l-istess socjeta' tezimi ruhha mir-responsabbilita' taghha ghall-pubblikazzjoni taghha tal-istess ritratt, iktar u iktar meta jidher li kienet hija stess li ppubblikat l-istess reklami bl-istes ritratt tas-socjeta' attrici

Jon David Limited u dak tas-socjeta’ konvenuta Bortex Clothing Industry Company Limited, u hawn jidher li kien hemm negligenza da parte tas-socjeta’ konvenuta medesima ghaliex kien ovvju li r-ritratt uzat kien wiehed simili, u dan iktar u iktar meta tali reklami gew pubblikati pratikament hdejn xulxin, u allura hija qed tigi tenuta thallas l-istess ammont fuq indikat ta’ €400 solidalment mas-socjeta’ konvenuta l-ohra Bortex Clothing Industry Company Limited lis-socjetajiet attrici.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta guramentata tas-socjeta’ konvenuta Bortex Clothing Industry Company Limited datata 6 ta’ Novembru 2009 u r-risposta guramentata tas-socjeta’ Yellow Pages (Malta) Limited datata 9 ta’ Novembru 2009 biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici biss fil-kuntest u limitatament ghal dak hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-drittijiet tal-awtur fix-xoghlijiet artistici konsistenti f’ritratt gew lezi u vjolati mis-socjetajiet intimati fis-sens hawn deciz u partikolarment minhabba r-riproduzzjoni llecita tal-istess imsemmi ritratt u/jew il-pubblikazzjoni u d-distribuzzjoni tal-istess ritratt.

2. Tipprojbixxi lis-socjetajiet intimati milli b’mod dirett jew indirett jaghmlu uzu, jirriproducu, jippubblikaw jew bi kwalunkwe mod iehor jaghmlu uzu mix-xoghol artistiku hawn fuq indikat.

3. Tipprojbixxi lis-socjetajiet intimati milli jippubblikaw u/jew jiddistribwixxu x-xoghlijiet artistici hawn fuq indikati.

4 u 7. Tiddikjara lis-socjetajiet intimati responsabbli ghall-hlas ta’ danni kkawzati lis-socjeta’ rikorrenti Alexandra Workware p.l.c. minn tali ksur tad-drittijiet ta’ l-awtur, inkluz dawk tal-**artikolu 43 (2) tal-Kap. 415** u ghad-danni kkawzati minn ksur li sar mill-kontravenzjoni tad-drittijiet

tal-awtur lill-istess socjeta’ estera u ghad-danni kkagunati lis-socjeta’ rikorrenti Jon David Limited.

5 u 8. Tillikwida d-danni li saru mis-socjetajiet intimati lis-socjetajiet attrici fl-ammont ta’ erba’ mitt ewro (€400) pagabbli ghal darba wahda biss kif hawn fuq deciz.

6 u 9 Tikkundanna lis-socjetajiet intimati solidalment bejniethom ihallsu l-ammont hekk likwidat ta’ erba’ mitt ewro (€400) pagabbli ghal darba wahda biss kif hawn fuq deciz lis-socjetajiet attrici.

Bl-ispejjez minhabba c-cirkostanzi tal-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------